MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 284/2014

Dr. Aaron **GALEA CAVALLAZZI** a nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ *F. Kirchhoff Strassenbau GmbH*, soċjeta’ estera reġistrata l-Ġermanja bin-numru ta’ reġistrazzjoni HRB 738730 u l-indirizz tagħha D-70771 Leinfelden-Echterdingen, Esslinger Strasse 1, il-Ġermanja

vs

**ASFALTAR LIMITED (C-8313)**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' April, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti: (i) issib li l-kumpannija mħarrka kisret il-ftehim emendat li sar bejnha u l-kumpannija barranija attriċi fis-16 ta' Marzu, 2010; (ii) ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallsu (a) is-somma ta' mija u tlieta u tmenin elf euro (€ 183,000) li tirrappreżenta l-kreditu maqbul fuq l-imsemmija kitba, flimkien mal-imgħax fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2010, u (b) somma ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) tal-ammont addizzjonali flimkien mal-imgħax fuqha b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2010, jekk ikun il-każ; u (iii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu (a) is-somma ta' mija u tlieta u tmenin elf euro (€ 183,000) li tirrappreżenta l-kreditu maqbul fuq l-imsemmija kitba, flimkien mal-imgħax fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2010, u (b) somma ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) tal-ammont addizzjonali flimkien mal-imgħax fuqha b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2010, jekk ikun il-każ. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' April, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attur *nomine* dwar it-tressieq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat li, minkejja li l-kumpannija mħarrka laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-Smigħ, ma daħħlet l-ebda Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2014[1], li bih ċaħdet talba magħmula mill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Asfaltar") b'rikors tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014, biex il-Qorti tissoprasjedi s-smigħ tal-kawża sakemm il-kwestjoni titressaq quddiem tribunal arbitrali;

Rat id-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Lulju, 2014[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba magħmula minn Asfaltar b'rikors tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2014[3], biex titħalla tneħħi l-kontumaċja tagħha;

Rat il-provi dokumentali mressqin mill-attur *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tal-attur *nomine* waqt is-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2014[4], li biha l-istess attur *nomine* irtira t-tieni talba (b) u t-tielet talba (b) tiegħu (jiġifieri dawk dwar il-likwidazzjoni u l-kundanna tal-ħlas tal-"ammont ekwivalenti għall-ħamsa fil-mija tal-ammont addizzjonali") u li ma kienx fadallu provi aktar x'iressaq;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2014, li bih tat lil Asfaltar żmien skond l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa minn Asfaltar fis-6 ta' Awwissu, 2014[5];

Rat id-degriet tagħha mogħti waqt is-smigħ tas-7 ta' Awwissu, 2014[6], li bih ċaħdet talba magħmula minn Asfaltar b'rikors tagħha tal-4 ta'

[1] Paġ. 33A tal-proċess
[2] Paġġ. 59 sa 66 tal-proċess
[3] Paġġ. tal-proċess
[4] Paġ. 67 tal-proċess
[5] Paġġ. 71 – 3 tal-proċess
[6] Paġġ. 70 u 74 tal-proċess

Awwissu, biex tordna s-sejħa fil-kawża tal-kumpannija Polidano Group Limited (C- 8885);

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Awwissu, 2014, li bih tat żmien lill-attur *nomine* biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik ta' Asfaltar;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *nomine* fit-28 ta' Awwissu, 2014[7], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Awwissu, 2014, li bih ħalliet il-kawża għall-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' xogħol imwettaq f'sub-appalt. Il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "FKSG") kienet ingħatat xogħol taħt sub-appalt fit-titjib ta' *taxiways* fil-mitjar internazzjonali ta' Malta u qiegħda tfittex lil Asfaltar għall-ħlas tal-bilanċ li għad fadal minn dak ix-xogħol kollu li tqabbdet tagħmel u wettqet;

Illi Asfaltar waqgħet kontumaċi, iżda, b'ħarsien ta' dak li titlob il-liġi tal-proċedura, ingħatat il-fakulta' li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha.

[7] Paġġ. 76 – 8 tal-proċess

Fihom hija tgħid li r-rabta maħluqa bil-ftehim li saru ma kenitx biss bejnha u FKSG, iżda kienet imdaħħla terza persuna, il-kumpannija Polidano Group Limited ukoll. Hija tistqarr li r-rabta kienet waħda kummerċjali, u għalhekk tgħodd is-solidarjeta' bejn il-partijiet debituri. Madankollu, hija tisħaq li kellha kull jedd li titlob is-sejħa fil-kawża tal-kondebitriċi l-oħra msemmija biex din ukoll terfa' sehemha minn dak li jista' jkollu jingħata lil FKSG. Fis-sewwa, l-argumenti ta' Asfaltar jinbnew l-aktar fuq il-kwestjoni li kellha l-jedd li titlob is-sejħa fil-kawża tat-terza persuna. Bilkemm semmiet il-mertu tal-azzjoni ta' FKSG, ħlief biex tgħid li "l-istess soċjeta' attriċi ma wettqitx dak li kellha tagħmel skont il-kuntratt u għalhekk ma ħaqqhiex il-ħlas minnha rikjest". Tilminta mill-fatt li tgħid li FKSG ma ressqitx id-dokumentazzjoni kollha bħala prova tajba biżżejjed biex issaħħaħ ir-raġuni tagħha li titlob il-ħlas;

Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'xi żmien matul l-2007, il-Malta International Airport p.l.c. kienet ħarġet sejħa għall-offerti[8] għat-titjib ta' xi *taxiways* fil-mitjar tal-Gudja. Is-sejħa kienet marret favur konsorzju msemmi PAK Joint Venture li, fil-31 ta' Jannar, 2008, kien mgħarraf minn MIA p.l.c. li kien intgħażel hu[9]. Jidher illi PAK Joint Venture kienet magħmula minn Polidano Group Limited u Asfaltar;

Illi bi ftehim milħuq fit-18 ta' Frar, 2009[10], PAK tat lil FKSG sub-appalt dwar ix-xogħlijiet li kien għad fadal x'isiru skond l-imsemmija sejħa għall-offerti. Il-ħatra lil FKSG kienet tikkonsisti filli tibgħat *project manager* (wieħed Peter Franckson) għal żmien maħsub ta' disa' (9) xhur, u biex jissorvelja x-xogħlijiet u jwettaq l-inkarigu dettaljatament imfisser fl-imsemmi ftehim. Ta' dan, FKSG kellha tirċievi ħlas mitejn u ħamest elef euro (€ 205,000) bil-mod hemm dettaljatament imfisser;

Illi x-xogħlijiet kellhom isiru minn PAK. Ix-xogħlijiet saru;

[8] MIA/05/07
[9] Dok "B", f'paġ. 10 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġġ. 5 – 9 tal-proċess

Illi b'kitba magħmula fis-16 ta' Marzu, 2010[11], PAK ftiehmet ma' FKSG dwar kif kellu jsir il-ħlas tal-bilanċ li kien għadu dovut lil din tal-aħħar, flimkien mal-imgħax li seta' jkun dovut fuq is-somma maqbula. Is-somma sħiħa maqbula mill-partijiet fuq il-kitba bħala dik li FKSG kien għad fadlilha titħallas kienet is-somma msemmija mill-attur *nomine* fit-talbiet tiegħu f'din il-kawża, jiġifieri mija u tlieta u tmenin elf euro (€ 183,000). Il-ftehim kien jaħseb ukoll għal skont fuq l-imsemmija somma li kieku l-ħlas isir sa qabel data partikolari. Il-ftehim kien jitkellem ukoll dwar ħlas lil FKSG għal xogħol żejjed li tiegħu PAK titħallas minn MIA p.l.c. Dan il-ħlas kien maqbul li jkun f'rata ta' ħamsa fil-mija (5%) tal-valur sħiħ tal-imsemmi xogħol żejjed;

Illi f'Settembru tal-2013[12], FKSG bagħtet ittra uffiċjali lil Polidano u lil Asfaltar biex titlobhom iħallsuha s-somom miftehma;

Illi, billi baqa' ma sarx il-ħlas, FKSG fetħet din il-kawża kontra Asfaltar fl-4 ta' April, 2014;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ</u> għandu jingħad li FKSG irrinunzjat għal dawk il-partijiet mit-talbiet tagħha li jirrigwardaw il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' xi ammonti li l-kommittent (MIA p.l.c.) setgħet ħallset lill-appaltatur (PAK Joint Venture) għal xogħlijiet żejda li setgħu ntalbu matul iż-żmien li kien qiegħed isir l-appalt u mwettaq minn FKSG fil-persuna tal-*project manager* provdut minnha;

Illi konsiderazzjoni oħra siewja hi li FKSG ma kenitx imdaħħla fit-twettiq innifsu tax-xogħlijiet li ngħataw lil PAK Joint Venture, iżda kienet tqabbdet biss biex tipprovdi *project manager* li kien maħsub li jwettaq ix-xogħlijiet speċifiċi msemmija fil-ftehim tagħhom ta' Frar tal-2009. Din il-ħatra kienet maħsuba biex tiżgura li x-xogħlijiet appaltati lil PAK Joint

[11] Dok "Ċ", f'paġġ. 12 – 4 tal-proċess
[12] Dok "D", f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess

Venture isiru tajjeb u bl-esperjenza ta' persuna midħla ma' dak li jitlob ix-xogħol speċjalizzat appaltat, kif jidher li FKSG kienet f'dan il-qasam;

Illi t-tielet konsiderazzjoni hi li l-ftehim li FKSG qiegħda ssejjes fuqu t-talbiet tagħha ma kienx il-ftehim li bih il-kumpannija attriċi nħatret mill-konsorzju magħżul (PAK), iżda ftehim dwar ħlasijiet li kienu dovuti. Fi kliem ieħor, dan kien ftehim li l-partijiet daħlu għalih wara li kien intemm ix-xogħol appaltat u meta kull min deher fuqu kien jaċċetta li FKSG kien għad fadlilha titħallas. Kemm hu hekk, l-imsemmi ftehim kien qiegħed jillikwida dak li l-kumpannija attriċi kien għad fadlilha titħallas tax-xogħol li hija tat skond il-ftehim tas-sub-appalt, u kif kellu jsir l-imsemmi ħlas. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tas-sottomissjoni mressqa minn Asfaltar li trid li FKSG ma kienx jistħoqqilha l-ħlas li qiegħda tippretendi għaliex ma wettqitx tajjeb dak li kienet tqabbdet tagħmel;

Illi r-raba' konsiderazzjoni hija r-rabta jew obbligazzjoni maħluqa bil-ftehim li sar f'Marzu tal-2010. Kif tistqarr ukoll Asfaltar, din hija rabta legali ta' xejra kummerċjali u waħda fejn il-kreditu dovut u mistqarr daħlu għalih l-appaltaturi, ukoll jekk il-ħlas lill-kreditriċi (FKSG) seta' jsir ukoll direttament mill-kommittent (MIA p.l.c.). Minħabba din iċ-ċirkostanza, għalhekk, titnissel is-solidarjeta' fl-obbligazzjoni ladarba din ma kenitx espressament imwarrba fl-istess ftehim li sar[13]. Din is-solidarjeta' bejn Polidano Group Limited u Asfaltar lejn u favur FKSG hija dwar l-istess dejn u sal-istess limitu. Dan jagħti lil FKSG il-jedd li ddur kontra min jidhrilha minn fost id-debituri tagħha għall-ħlas li tippretendi u bla ma d-debitur magħżul jista' jwaqqaf it-talba għall-ħlas dovut billi jqajjem il-benefiċċju tal-qsim tal-obbligazzjoni[14]. Minbarra dan, ladarba l-ftehim kien jaħseb ukoll għall-ħlas tal-imgħax fuq is-somma tad-dejn mistqarr, u ladarba FKSG kienet talbet il-ħlas tal-imgħax ukoll fl-att ġudizzjarju li hija bagħtet lid-debituri tagħha qabel ma fetħet din il-kawża, dak l-imgħax ukoll jgħabbi lill-istess debituri solidarment[15];

---

[13] Art. 115(1) tal-Kap 13
[14] Art. 1096 tal-Kap 16
[15] Art. 1098 tal-Kap 16

Illi dan kollu jfisser li FKSG ma naqset bl-ebda mod talli għoġobha tmexxi l-kawża kontra Asfaltar, ladarba din tal-aħħar kienet qablet li hija debitriċi tal-kumpannija attriċi, u minkejja li FKSG għażlet li ma tmexxix ukoll kontra l-kon-debitriċi l-oħra. Iżda din l-għażla ma ċċaħħadx lil Asfaltar milli tista' ddur lejn il-ko-debitriċi għall-ħlas tas-sehem tagħha mid-dejn dovut lil FKSG[16];

Illi l-ħames konsiderazzjoni hija l-kontumaċja ta' Asfaltar. Bid-deċiżjoni meħuda fis-sentenza tat-23 ta' Lulju, 2014, din il-Qorti sabet li Asfaltar ma seħħilhiex tagħti raġunijiet tajbin biex issaffi l-kontumaċja tagħha. B'danakollu, dan l-istat ta' kontumaċja ma jfissirx li Asfaltar stqarret u ammettiet it-talbiet attriċi. Dan kien jitlob li FKSG tressaq il-provi tagħha biex tiġġustifika t-talbiet tagħha u li dan tagħmlu fi grad tajjeb biżżejjed skond il-liġi li jwassal lil din il-Qorti ssib favuriha;

Illi l-kumpannija attriċi seħħilha tressaq il-prova tal-għarfien tal-obbligazzjoni. Billi dan sar b'kitba, dik il-kitba hija prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tar-rabta legali maħluqa bis-saħħa tagħha[17]. Fil-każ tallum, FKSG ressqet ukoll kopja awtentikata tal-kitba oriġinali li kienet saret. L-imsemmija kopja turi kemm hu l-ammont tad-dejn u kif ukoll tistabilixxi l-ħlas tal-imgħax u minn meta jibda jgħaddi;

Illi Asfaltar ma ressqet l-ebda argument biex turi li s-somma miltuba minn FKSG jew xi parti minnha kienet tħallset. Qalet biss li s-somma mitluba ma kellhiex titħallas u b'raġuni għal dan semmiet li l-kumpannija attriċi ma wettqitx dak li kellha tagħmel skond il-kuntratt tas-sub-appalt. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq din is-sottomissjoni. Jekk kemm-il darba kien tabilħaqq minnu li FKSG taħti għan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt min-naħa tagħha dwar dak li kienet tqabbdet tagħmel, ma jagħmel l-ebda sens li, wara li tkun intemmet il-ħatra u twettqu x-xogħlijiet, l-istess sub-appaltaturi jistqarru li FKSG kellha titħallas u ma jsemmu mqar l-iċken aċċenn għal xi nuqqasijiet fix-xogħol li tiegħu hija kienet dovuta dak l-

[16] Art. 1107(1) tal-Kap 16
[17] Art. 632(1) tal-Kap 12

istess ħlas. Għall-kuntrarju, id-dehen komuni u l-loġika juru li meta debitur ta' obbligazzjoni jistqarr il-kreditu favur il-kreditur tal-obbligazzjoni, dan ikun jimplika t-twettiq tajjeb min-naħa tal-istess kreditur tal-parti tiegħu mill-istess obbligazzjoni;

Illi, kif ingħad aktar qabel, Asfaltar tilminta ħafna mill-fatt li din il-Qorti ma laqgħetx it-talba tagħha biex issejjaħ fil-kawża lil Polidano Group Limited. Dan l-ilment ma huwiex mistħoqq u, fil-fehma tal-Qorti, dan għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, meta Asfaltar ressqet it-talba għas-sejħa fil-kawża, din il-Qorti kienet diġa' sabitha fi stat ta' kontumaċja mhux ġustifikabbli. Ma huwiex sewwa li parti f'kawża li tkun tinsab fi stat ta' kontumaċja titħalla tagħmel talbiet bħal din biex, b'xi mod, ixxellef in-nuqqas tagħha u ddaħħal fil-kawża parti oħra biex minflok tidħol mill-bieb, tidħol mit-tieqa. Fit-tieni lok, ukoll kieku Asfaltar ma kenitx fi stat ta' kontumaċja, it-talba għas-sejħa fil-kawża xorta ma kinitx f'postha. Ladarba Asfaltar kienet solidalment responsabbli għad-dejn kollu dovut lil FKSG, il-ġudizzju kien sħiħ xorta waħda minkejja li Polidano Group Limited ma kinitx parti fil-kawża. Fit-tielet lok, bis-sejħa fil-kawża tal-kon-debitriċi jew mingħajrha, il-qagħda u l-jeddijiet legali ta' rivalsa li Asfaltar jista' jkollha lejn l-istess kon-debitriċi tagħha jibqgħu bla mittiefsa. Fl-aħħarnett, is-sejħa fil-kawża ma kinitx pass li kellu jsir tabilfors għas-siwi tal-azzjoni mibdija minn FKSG, aktar u aktar minħabba li, f'dan il-każ, hemm l-element tas-solidarjeta' fl-obbligazzjoni mertu tal-istess kawża. Dan joħroġ mill-istess każistika msemmija minn Asfaltar biex targumenta li s-sejħa messha saret[18];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li t-talbiet attriċi (safejn il-kumpannija attriċi ma rrinunzjatx għalihom) huma tajbin u mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[18] Ara App. Ċiv. **29.11.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Barb Holdings Ltd vs Victor Żammit et***

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka naqset li twettaq il-ftehim milħuq mal-kumpannija attriċi fil-kitba privata tas-16 ta' Marzu, 2010;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mija u tlieta u tmenin elf euro (€ 183,000) li tirrappreżenta l-kreditu maqbul fuq l-imsemmija kitba, flimkien mal-imgħax fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mija u tlieta u tmenin elf euro (€ 183,000) flimkien mal-imgħax fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tastjeni milli tqis il-partijiet l-oħrajn tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi** ladarba l-kumpannija attriċi rrinunzjat għalihom; u

**Tordna** li l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------